# Informazzjoni Dwar L-Għażla tas-Suġġetti tal-Vjaġġ Tiegħi

***(Kull taqsima għandu jkollha bejn 50-60 kelma)***

**Għażla tas-Suġġett**: Arti

*Jekk jogħġbok indika r-rotta offruta:*

**Applikata:** ____

**Akkademika**: ✓

**Vokazzjonali:** _____

**Introduzzjoni Ġenerali għas-Suġġett:**

- Permezz tal-Arti, wieħed jitgħallem kif iħares, jifhem, jikkritika, jevalwa u juża informazzjoni viżwali sabiex ikun jista' joħloq l-arti tiegħu stess.
- Il-lezzjonijiet tal-Arti jipprovdu opportunitajiet ideali biex wieħed jesplora s-sentimenti, l-espressjoni personali kif ukoll l-immaġinazzjoni u l-esperjenzi ta' ħajtu.
- L-Arti tisfida lill-istudenti biex isiru konxji tal-ambjent u l-ħajja tagħhom.

**Lista ta' temi studjati:**

a. Il-proċess kreattiv fl-iżvilupp tal-Arti; kif taċċetta r-riskji kreattivi u l-falliment
b. Il-benefiċċji fit-tagħlim li wieħed jieħu meta jibda jżomm 'Art Journal' u Portafoll
ċ. Arti u Identità: Kwistjonijiet dwar l-ambjent lokali u internazzjonali, kulturi u kuntesti soċjali
d. Ir-rwol u l-funzjonijiet tal-Arti u l-artisti storiċi u kontemporanji kemm lokali u dawk internazzjonalis
e. Kif tittella' wirja tal-Arti
f. Litteriżmu Viżiv

**Attivitajiet involuti fil-klassi:**

- Apprezzament, interpretazzjoni u evalwazzjoni tax-xogħlijiet tal-arti tiegħek u tal-oħrajn.
- Il-ħolqien tal-arti permezz ta' diversi tekniki u materjali, pereżempju tpinġija, pittura, skultura, stampar, permezz ta' collage eċċ ...
- Tpinġija mill-osservazzjoni tal-oġġetti, nies u nħawi.
- Kollaborazzjoni fi Proġetti tal-Arti.
- Komunikazzjoni permezz ta' diskussjonijiet dwar il-valuri estetiċi ta' kuntesti kulturali u soċjali differenti.
- Esibizzjoni ta' xogħlijiet tal-Arti.
- Żamma ta' 'Art Journal' u ta' Portafoll tal-Arti.

**Xogħol assenjat għad-dar:**

- Ix-xogħol għad-dar jista' jkun fil-forma ta' riċerka u preparazzjoni ta' disinji għal-lezzjoni/ proġett li jkunu ġejjin. Dan huwa inkluż fl-'Art Journal' u ppreżentat bħala parti mill-proċess kreattiv tal-istudent.
- Ix-xogħol għad-dar jista' jinvolvi wkoll l-irfinar tax-xogħol tal-arti mibdi fil-klassi u evalwazzjoni bil-miktub dwarha fuq l-'Art Journal'.

**Assessjar mogħti:**

| |
|---|
| • L-'Art Journal' li jinkludi disinji minn osservazzjoni u mill-immaġinazzjoni, noti bil-miktub u evalwazzjonijiet personali, esperimentazzjoni u xogħol ta' riċerka b'immaġini rilevanti.<br>• Il-Portafoll tal-Arti inkluż il-progress kreattiv tax-xogħol skolastiku u x-xogħol tad-dar komplet, permezz ta' varjetà ta' temi, tekniki u materjali.<br>• Sforzi pożittivi fir-rigward ta' kollaborazzjoni mal-oħrajn.<br>• Impenn fil-parteċipazzjoni. |
| **Lista ta' ħiliet miksuba bl-istudju tas-suġġett:**<br><br>*a. Higher order thinking*<br>*b. Ħiliet Personali u Soċjali*<br>*ċ. Litteriżmu Viżiv*<br>*d. Komunikazzjoni*<br>*e. Riċerka*<br>*f. Interpretazzjoni u Evalwazzjoni*<br>*ġ. Kif tittella' wirja*<br>*g. Kritika kostruttiva*<br>*għ. Soluzzjonijiet għall-problemi*<br>*h. Kreattività*<br>*ħ. Taħdit fil-pubbliku*<br>*i. Ħiliet tekniċi fl-Arti, pereżempju: iddisinjar, tpinġija, pittura, skultura, collaging, stampar, xogħol fil-fuħħar*<br>*ie. Osservazzjoni*<br>*j. Teħid tad-deċiżjonijiet*<br>*k. Ħiliet Diġitali*<br>*l. It-teħid tar-riskju*<br>*m. Innovazzjoni*<br>*n. Disinn (għall-ippjanar tentattiv)*<br>*o. Dokumentazzjoni* |
| **Lista tal-ħiliet meħtieġa biex tistudja s-suġġett:**<br><br>*a. Motivazzjoni personali*<br>*b. Bżulija*<br>*ċ. Rieda għall-esplorazzjoni*<br>*d. Kollaborazzjoni*<br>*e. Użu tal-internet*<br>*f. Riċerka* |
| **Isem tal-Uffiċjal tal-Edukazzjoni:** |
| **Indirizz elettroniku**: |